# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Shamus Woods)

Vs

Puspa Maya Tamang

Illum, 15 ta' Novembru, 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Puspa Maya Tamang** ta' 38 sena, mwieldha: Nepal, nhar: l-24 ta' Dicembru 1984, bint: Birkha Bahadur Tamang u Goma Maya Tamang, resident: 138 B, Triq San Bastjan, Hal-Qormi u detentrici tal-passaport Nepalise bin-numru: 12318610 akkuzata talli;

Nhar it-18 ta' Lulju, 2023 bejn id-9:00 am u l-10:00 am gewwa l-Identity Malta, Triq il-Wied, Msida:

1. Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz; [Art. 188 ta-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta].
2. Ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali [Art 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta].

Rat d-dokumenti ezebiti mal-prezentata taht arrest konsistenti f' kopja ta' passaport u l-fedina penali tal-akkuzata.

Rat li l-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba ghal-ftuh bl-urgenza tar-Registru ta' Malta sabiex b' hekk l-imputata tkun tista' titressaq quddiem il-Qorti b' Arrest. Rat li fil-19 ta' Lulju, 2023 l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-ftuh bl-urgenza tar-Registru. L-imputata infurmat lil Qorti li ma tifhimx bil-lingwa Maltija izda jifhem bil-lingwa Hindi. Il- Qorti hatret lil Sirkar Piyal; sabiex tittraduci lill-imputat mil-lingwa Ingliza ghal dik Hindi u vice versa. Fic-cirkostanzi il-Qorti tqis li jkun opportun li l-proceduri jikomplew bil-lingwa Ingliza. Il-Prosekuzzjoni u d-dufiza m' ghandhomx oggezzjoni. Fl-istess seduta l-ispettur Woods that gurament qara u pprezenta l-akkuza kontra l-imputat;

Rat li d-difensur tal-imputata ma huwiex qed jikkontesta l-validita' tal-arresta u l-Qorti wara li semghet lil Ispettur jispjega c-cirkostanzi li wassal ghal arrest tal-imputat tqis li l-arrest huwa gustifikat u gie ezegwit skont il-ligi u ghalhekk qed tikkonfermah.

Rat li fis-seduta tal-19 ta' Lulju, 2023 l-imputata dikjarat li hija mhux hatja tal-akkuzi migjubha kontra taghha;

Rat li fis-seduta tal-19 ta' Lulju, 2023 l-imputata talbet il-beneficcju mill-helsien mil-arrest liema talba giet opposta mill-Prosekuzzjoni u l-Qorti iddecidiet billi;

"in view of the fact that from this case doubts as to the place of residence of the accused here in Malta are clear, and therefore at this stage the Court has no guarantee that the accused has an effective place of residence in Malta the request for bail is being rejected.

the Court orders that the acts of these proceedings be forwarded to the Registrar of Criminal Courts and Tribunals so that it is duly assigned.

Il-proceeduri quddiem din il-Qorti kif presentement ippressjeduti saru bil-lingwa Maltija tradott ghall-Ingliz u imbaghad ghall-Hindi.

Il-Qorti diversament preseduta semghet ix-xhieda ta' Spettur Shamus Woods fis-seduta tal-19 ta' Lulju, 2023; il-Qorti kif preseduta semghet ix-xhiedha bil-gurament ta' Spettur Jonathon Ransley li xehed fis-seduta tal-2 ta' Awwissu, 2023; ta' PS 1497 Julian Calleja li ezebixxa r-rapport Dok JC fis-seduta tal-2 ta' Awwissu, 2023; ta' Thomas Barry fis-seduta tat-2 ta' Awwissu, 2023; ta' Daniel Dimech li ezebixxa Dok DD u Dok DD1 u email DD2 fis-seduta tal-8 ta' Awwissu, 2023; ta' Joanne Camilleri li ezebiet Dok JC email u Dok JC 1 email u chat fis-seduta tat-8 ta' Awwissu, 2023; ta' Pabita Tamang bil-Hindi tradott ghall-Ingliz mill-interpreti gja nominati li ezebiet Dok PT fis-seduta tal-21 ta' Awwissu, 2023;

Rat li fis-seduta tal-8 ta' Awwissu, 2023 il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Awwissu, 2023 id-Difiza dikjarat li m' ghandiex provi x' tipprezenta u l-imputata ma xheditx.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Awwissu, 2023 wara li semghet it-trattazzjoni fuq ir-rikors ghal helsien mill-arrest il-Qorti koncediet il-helsien mill-arrest.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli Art. 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Rat li il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata hija akkuzata li it-18 ta' Lulju, 2023 bejn id-9:00 am u l-10:00 am gewwa l-Identity Malta, Triq il-Wied, Msida: (i) Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz; [Art. 188 ta-

Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta]; (ii) Ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali [Art 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta].

Ikkunsidrat

**Spettur Shamus Woods** xehed fis-seduta tal-19 ta' Lulju, 2023 bil-lingwa Ingliza. Huwa xehed;

*"Yesterday, 18th of July 2023, Imsida Police Station received a phone call from the Head of Compliance of Identity Malta Daniel Dimech that he was requesting Police assistance because the accused Tamang Pupsa Maya has presented a false declaration for residence. Then we proceeded with the arrest. Inspector Ransley took the statement not me. Basically, it was pointed out that this agreement for renting the property was false and in fact Inspector Ransley contacted the owner of the said place and told us that it is not true that the document is forged."*

L-ispettur ikkonferma li l-propjeta' tezisti.

**Spettur Jonathon Ransley,** stazzjonat Sliema xehed fis-seduta tal-2 ta' Awwissu, 2023. Huwa xehed li fil-11 ta' Lulju, 2023 ghal habta ta' 11:00 am PS 1497 infurmah li kien hemm persuna minn Nepal bin-numru tal-passaport 12318610 arrestata mill-Indentity Malta huma qalu li kienu kienet ipprezentat dokument lease agreement fejn kienet tghid li toqghod go post, 47,flt 3, triq Censu Tanti Bugibba, mentri fir-rejalta ma kienetx toqghod go fih. Jghid li skont il-lease agreement il-propjetarja hija certu Joanne Camilleri. L-ispettur gie provdut korrispondenza (emails) bejn Joanne Camilleri u Identity Malta fejn kienet qaltilhom li dak il-post qatt ma krietu lil Puspa Maya.

Ix-xhud kellem lil Puspa Tamang Maya li qed jaghraf fl-awla. Ix-xhud jaghraf dok. C ezebit a fol. 10 tal-process li jikkonsisti f' kopja tal-kuntratt tal-kera li kien suppost gie mikkri minn Joanne Camilleri lil Puspa Maya Tamang.

L-ispettur jixhed li l-imputata kienet ammettiet li kienet taf li qed taghmel kuntratt ma bniedem li mhux Joanne Camilleri imma ma persuna ohra minn Nepal li issa jinstab il-Portugal. Pero' fl-istatement hi tghid li l-persuna toqghod fil-blokk taghha gewwa Bugibba. L-ispettur jixhed li

*"Qorti: Igifieri hi ammettiet li jekk ghamlet kuntratt ma ghamlitux ma Joanne Camilleri u kienet qed tirreferi ghall-iskrittura privata igifieri?*

*Xhud: Ezatt, filfatt ammettiet ukoll hi illi kienet taf li qed taghmel kuntarat ghall-post li ma kellux spazju fejn toqghod igifieri ghamlet kuntratt go flat li qatt ma ghexet go fih u kienet taf li mhux sejra go fih ghax ma hemmx spazju."*

Fuq ir-raguni ghaliex iffirmat l-iskrittura ta' kera l-Ispettur jghid li l-imputata qaltlu fl-istatement li "Suman told me that I need this house contract but he never explain to me why." L-ispettur jkompli jirriferi ghal l-istqarrija.

"Umbaghad id-domanda ta' wara kienet ghedtilha this is a big lie because you used this lease contract to apply for this Permit with Identity Malta Agency what is the truth qaltli he told me that I need this address to get ID card but he never explained to me why he told me that after I get the card I can start working there but he never told me that I have to stay in this address and it is very important."

L-ispettur jixhed li oht l-imputata ilha tghix Malta tlett snin u allura suppost taf.

L-ispettur jghid li tul l-interrogazzjoni prezenti kien hemm l-avukat Carl Cordina l-avukat taghha u kien hemm prezenti ukoll interpretu Al Hindi. Qed jaghraf fuq l-istqarrija l-firma tieghu u tax-xhud, l-imputata ghazlet li ma tiffirmax.

**PS 1547 Julian Calleja** xehed fis-seduta tat- 2 ta' Awwissu, 2023 Jikkonferma r-rapport DOK JC. Jixhed li fit-18 ta' Lulju, 2023 gew infurmati bil-kaz mill-Compliance tal-Identity Malta fejn talbu l-assistenza tal-pulizija. Qed jaghraf lil imputata fl-awla u jixhed li hu qatt ma kellimha lil imputata. Lil imputatata kienu infurmawha li kienet taht arrest, bid-dritt tal-avukat u d-drittijiet taghhha u haduha l-Ghassa ta' Tas-Sliema fejn informa lil Spettur Ransley bl-arrest u b' dak li gie rapportat mill-Identity Malta.

Ix-xhud innifsu taha lil imputata d-drittijiet u l-arrest.

**Thomas Barry, rapprezentant ta' ID Malta,** xehed fis-seduta tat-2 ta' Awwissu, 2023. Jikkonferma id-dokumenti li jistabu a fol. 10 sa 14 tal-process. B' referenza ghad-dokument a fol. 14 "Still Abroad Part 2" jixhed li dan huwa dokument li bhala Identity Malta meta l-persuna minn still abroad tasal Malta u tigi l-ufficcini tal-ID Malta a biex tiehu l-Bio metrics u tiffinalizza l-applikazzjoni taghha fejn hawnekk il-Landlord qed jiddikkjara li huwa joqghod u qed jikkri il-flat. Mistoqsi kif dawn id-dokumenti gew ghandhom jirrispondi.

> Xhud: Mela meta persuna tkun still abroad igifieri tkun barra u gejja Malta ghall-ewwel darba l-ewwel parti tal-applikazzjoni tigi sottometta mill-employer once li l-

applikazzjoni tigi sew kemm mill-Identity Malta u anka minn naha tal-Stake Holders tinhareg Approval Principal Letter biex l-applikant ikun jista japplika ghall-visa u jigi Malta meta l-applikant jidhol."

Qorti: Bioex qed tghidli ghall-Visa dawn Non EU allura?

Xhud: Hekk hu sinjura ezatt dawn third countries nationals, meta l-applikant jidhol Malta bil-Visa umbaghad ikollu perjodu sakemm tiskadi l-Approval Principal Letter sabiex jigi l-ufficcini tal-Identity Malta b`appuntament sabiex jissottometti it-tieni parti tad-dokumentazzjoni u sabiex jiehu l-Biometrics u eventwalment f`kaz li kollox ikun konfort mar-requirements taghna umbaghad l-applikazzjoni tigi approvata finalizzata i tinhareg ir-residense card.

Id-dokumenti li xhud xehed fuqhom jigu prezentati meta l-applikant tkun Malta u tigi l-ufficcini tal-Identity Malta. F' dan il-kaz l-applikanta hija Puspa Tamang Maya.

Ix-xhud qatt ma raha lil Puspa Maya Tamang. Jixhed li skont is-sistema taghhom Puspa Maya Tamang kellha l-appuntament taghha fit-22 ta` Frar, 2023. Kellha appuntament iehor fl-20 ta` Gunju 2023 sabiex tissottometti bidla fil-kirja. L-applikant huwa marbut li informa lil Identity Malta meta jkollu tibdil fl-indirizz halli tinhariglu card bl-indirizz updated.

Ix-xhud ma kienx prezenti meta gew infurmati l-pulizija bil-kaz. Jipprrezenta vera kopja tal-kuntratt ta' kera. Il-kuntratt orginali jinstab fl-arkivji fl-ufficini taghhom.

L-anqas ma jista' jghid jekk lil Joanne Camilleri kellmuhiex jew le.

Huwa jahdem fid-dipartiment tas-single permit u xogholu huwa li jivvettja l-applikazzjonijiet.

**Daniel Dimech, rapprezentant ta' Identity Malta** xehed fis-seduta tal-8 ta` Awwissu, 2023. Jixhed li fl-10 ta' Lulju, 2023 baghtitlu email l- Landlord tal-propjeta ta` 47, Triq Censu Tanti San Pawl il-Bahar, Joanne Camilleri ID card number 569287m, . fejn qalet li l-post taghha li huwa mikkri lil xi nies u milli jidher ghandha xi lista ta nies fejn mhux suppost qed jghixu hemmekk.

Pros: Meta tghid mhux suppost jghixu hemm x`inti tfisser biha?

Xhud: Igfieri qed nghidu inharget card fuq dak l-address mhux suppost inhareg ghax il-Landlord Ms. Joanne Camilleri ma taghtx permess biex jghixu hemmekk, issa ahna ccekkjajna mir-records taghna u sibna l-lease agreement u still abroad part 2 iffirmat minghand il-Landlord.

Ix-xhud jezebixxi certified true copy tal-lease agreement (Dok DD). It-tieni document ezebit Dok DD1 jinghata lil Landlord biex naghtuh lil Third Country national biex jiffirma il-Landlord li jghid li qed joqghod go dik il-propjeta.

Wara huma talbu biex jitkellmu ma Ms Pupsa Tamang halli taghti l-verzjoni taghha.  Jixhed

Xhud: Ahna umbaghad tlabna biex nitkellmu ma Ms. Puspa Tamang biex naraw il-verzjoni taghha umbaghad x`hin giet hemmekk giet ma ohtha u qisu ma bdietx tikkopera ma bdietx tifhem allura umbaghad tlabna l-assistenza tal-pulizija minn naha taghhom.

Pros: Meta tghid giet ma ohtha lil ohtha b`liema lingwa kellimtuha?

Xhud: Ohtha kienet tifhem allura bl-ingliz tifhem iktar qisu kienet translator mhux ufficcjali.

Dak in-nhar l-imputata ma taghthomx dokumenti ohra jew xi informazzjoni gdida. Huma riferew il-kaz lil pulizija halli jaghmlu l-investigazzjoni taghhom.

Lil Pupsa Tamang kellimha dakkinhar u qed jaghrafha fl-awla.

In kontro-ezami ix-xhud jikkonferma li minn naha taghhom huma strahu fuq il-verzjoni ta’ Joanne Camilleri.  Jixhed

Qorti: Qaltilkom direttament il-firma mhux taghha jew qaltilkom li qatt ma ghamlet tali skrittura privata?

Xhud: Hi qaltilna the contract was faked by this person."

**Joanne Camilleri, sid il-propjeta'** xehedet fis-seduta tat-8 ta' Awwissu, 2018.

Tixhed li kienu cemplulha tal-ID Malta u staqsuha jekk Puspa Maya Tamang toqghodx gol-post taghha specifikament 47D flt3, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar Bugibba, flat A flat B flat C. Hija tikri aktar minn post wiehed. Iccekjat fuq ir-records taghha tal-komputer u ma jirrizultax li Puspa Maya Tamang kienet tirrisjedi fil-post taghha.

Fuq l-iskrittura ta' kera, Dok DD tirrispondi

"Xhud: Dan huwa dokument falz ghaleix Puspa Maya Tamang qatt ma kienet toqghod ghandi u l-agent li ffalsifika id-dokument ammetta.

Pros: Il-firma li hemm fuq id-dokument kemm quddiem u kemm wara?

Xhud: Il-firma hija tieghi pero mhijiex firma originali.

Pros: U ghax qed tghid li l-firma mhijiex originali?

Qorti: Inti iffirmajt kuntratt ma Puspa Maya Tamang?

Xhud: Le qatt ma nafha qatt ma rajtha.

Qorti: Per konsegwenza mela il-firma falza qed nifhmek sew?

Xhud: Iva."

Tixhed li l-ID M alta kienu cemplulha biex jikkonfermaw jekk it-tenant toqghodx hemm ghaliex il-karta tal-identita' ma rcevietiex.

Minn naha tax-xhud saret taf li l-imputata cemplet lil minn taha l-kuntratt li cempel lil agent u l-agent qalet lix-xhud li kienet scammed. Tixhed

Pros: Umbaghad x`gara minn naha tieghek kif sirt taf li din Puspa Tamang hekk suppost li qeghda fil-falt tieghek x`ghamilt umbaghad inti x`irrizultalek?

Xhud: Kif saret l-istorja hekk kif sirt naf jien li din cemplet lil min taha il-kuntratt sewwa u dan il-bniedem ovvjament cempel lil agenta ghax kien hemm xi agenti in between li tawha dan ir-rental agreement.

Pros: Issa inti x`kuntatt kellek magghom dan-nies?

Xhud: Jien min taha l-kuntratt cempel lil agenta, l-agenta li naf jiena u qaltilha li din they scammed her igifieri tawha kuntratt falz."

Pros: U min taha il-kuntratt?

Xhud: Min taha l-kuntratt cempel lil wiehed Sachan ma nafux,

Qorti: U x`agenzija taf?

Xhud: M`Ghandix idea dawn ma taqbdilhomx tarf, dan l-agent cempel l-agenta li tahdem lili"

Fix-xhieda taghha x-xhud tixhed

Avu: Sachan jew Suman sinjura?

Xhud: Jiena Sachan naf, u sa fejn naf jiena din Puspa Maya Tamang qalet li hallset xi flus lilu biex taha ir-Rental Agreement, ir-Rental Agreement tieghi huwa ammetta li huwa falz u kien hemm xi nies ohra.

Pros: Ma min ammetta li huwa falz?

Xhud: Ammetta mieghi baghttli il-lista.

Pros: Mela kellek kuntatt ma min inti min baghttlek il-lista lilek?

Xhud: Il-lista baghtielei dan Sachan ghax ahna bqajna nippressawh."

Ix-xhud baghtet l-informazzjoni lil Ispettur inkluz screen shots ta' messaggi li huma ezebiti in atti. Ix-xhud tixhed li hija baqghet taghfas biex tohrog il-verita' u ghalfejn gie iffalsifikat ir-Rental Agreement li kellu fih il-firma taghha.

Tikkonferma li l-address 47D flt3, Triq Censu Tanti, Bugibba Malta jezizti u li hija s-sid. Tikkonferma li l-indirizz taghha u l-ID Card number taghha Tikkonferma li d-dettalji kontenut tal-kuntratt huwa ibbazat fuq il-verita.

Fuq il-firma fuq l-iskrittura tirrispondi li l-firma ma hazzistiex hi, u li l-kopja hija tal-karta tal-identita' taghha.

Xhud: Ezatt.

Avu: U din il-persuna taf min kienet?

Xhud: Il-persuna li cempluli biex jivverifikaw hija Puspa Maya Tamang.

**Pabitra Tamang,** xehedet fis-seduta tal-21 ta' Awwissu, 2023 Ix-xhud hija oht l-akkuzata. Giet malta fis-sena 2020 u tahdem gewwa restaurant. Xehdet limitatament dwar il-kwistjoni tal-Helsien mill-Arrest.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata, third country citizen, kienet sottomettiet dokumentazzjoni rikjesta sabiex tkun tista' takkwista permess ta' residenza. L-imputata ma tifhimx il-lingwa Ingliza u l-anqas dik Maltija. Mill-provi jirrizulta li L-istess imputata kienet marret l-Identity Malta sabiex tirrapporta li ma kienitx irceviet l-karta tal-identita' u minn hemm skatta l-process ta' verifiki minn naha tal-Identity Malta inkluz li jsaqsu lil landlord fuq l-iskrittura fil-pussess taghhom inizjalment fuq il-karta tal-identita' li ma rcevietx l-imputata u wara li l-landlord verifikat mar-records taghha infurmat lil Identity Malta li isem l-impuata ma jirrizultax bhala tenant taghha. Kienet l-imputata stess fi Gunju 2023 marret l-Identity Malta sabiex tbiddel l-indirizz, tipprezenta kuntratt ta' kera iehor u taggorna r-records.

F' dawn il-proceduri l-imputat ghazlet li ma tixhidx u l-Qorti ghalhekk ser tistrieh fuq il-provi li ghandha a dispozizzjoni taghha. Fix-xhieda ta' Joanne Cammilleri issemmew terzi li kienu skont hi involuti kif ukoll indikat lista ta' persuni li ukoll kienu qed jiricievu l-posta fil-propjeta' imma li ma kienux jghixu hemm. Hija kienet irraportat dan qabel ma tressqet l-imputata pero' wara li l-istess imputata marret l-

Identity Malta biex tirregola l-pozizzjoni. Ebda' persuna indikata minn sid il-kera ma tressqu bhala xhiedha f' dawn il-proceduri.

Fl-istqarrija taghha, mhux iffirmata, l-imputata qalet li terza persuna fin-Nepal kien ipprepara d-dokumentazzjoni ghal process u li hija kienet iffirmat dak li qalilha d-dokumenti li ghandha tiffirma mal-applikazzjoni ghal permess ta' residenza.

**Ikkunsidrat**

Sabiex Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Issir referenza ukoll ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[1] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[2].

[1] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

[2] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[3], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel imputazjoni fejn l-imputata giet akkuzata li sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz; [Art. 188 ta-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta]. Minn ezami tal-provi jirrizulta li din l-imputazzjoni ma gietx ipprovata.

Dwar it-tieni imputazzjoni fejn l-imputata giet akkuzata li ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali [Art 189 tal-

[3] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta] il-Qorti hi tal-fehma li ma jirrizultax li l-imputata kellha l-intenzjoni (*mens rea*) li taghmel att krimininuz meta hija tramite terz li ghamel l-arrangjamenti u ffirmat dokumenti sabiex tigi processata l-applikazzjoni. Kemm meta kellmet lil pulzija kif ukoll mix-xhieda ta' Joanne Camilleri jirrizulta li kien hemm terzi involuti, u irrizulta ukoll li ma tifhimx la bil-lingwa Ingliza u l-anqas bil-lingwa Maltija tant li kellhom jinhatru zewgt traditturi f' kull seduta jew il-proceduri isiru bl-Ingliz tradotti ghall-Hindi

Li kieku l-imputata kellha xi dubju li l-affarijiet ma sarux kif suppost certament ma kienitx hi stess tmur l-ufficju tal-Idenity Malta tirraporta li ma rcevietx l-karta tal-identita' u tiskatta dawn il-proceduri kontra taghha stess bil-konsegwenzi li ghandhom.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' Art. 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda ssib lil **Puspa Maya Tamang** mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**